**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/129/19/S

Carlos Azzopardi
Vs
Meli Car Rentals Limited

Illum 6 ta'Mejju,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carlos Azzopardi pprezentata fis-27 ta'Settembru,2019 u r-risposta tas-socjeta Meli Car Rentals Limited ipprezentata fit-3 t'Ottubru,2019;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-23 ta'Jannar,2020;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda allegati danni kawzati fuq vettura mikrija fejn ir-rikorrenti insista li meta rritorna il-vettura ma kienx hemm grif u daqqa filwaqt li s-socjeta intimata stqarret mod iehor;

Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta intimata qed jigu michuda *stante* li dawn huma proceduri partikolari kif stipulate fil-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u s-sustanza tar-rekwiziti gew milhuqa;

Illi jidher li dan in-nuqqas ta' qbil gie fis-sehh ghax meta r-rikorrenti rritornat il-vettura fl-ajruport ta'Malta, ma kien hemm hadd biex jispezzjonaha anki ghax il-vettura giet ritornata s-Sibt wara nofsinhar;

Illi l-ghada l-Hadd ir-rikorrent ircieva *email* li l-vettura giet ritornata bi hsarat godda;

Illi bhala fatt ir-rikorrent rega' ra l-vettura gimghat wara anki minhabba li l-vettura kienet inkriet mal-ewwel;

Illi jinghad mal-ewwel li dan in-nuqqas ta' qbil kemm-il darba jigri minhabba li l-ezami tal-vettura ma jsirx mal-ewwel. It-

Tribunal jifhem li impossibbli li jkun hemm min jezamina l-vetturi li jigu ritornati 24 siegha kuljum pero l-prova ta' kwalunkwe hsara trid issir biex tintlaqa';

Illi s-socjeta intimata hadet decizjoni li taqbad u tikri l-imsemmija vettura minghajr ma tistenna li r-rikorrent ikollu l-possibilita li jara l-allegati hsarat kif allegat fl-*email* tal-Hadd 7 ta'Lulju,2019;

Illi min-naha l-ohra, r-rikorrent seta' jiehu ritratti tal-vettura kif irritornaha gjaladarba ma kien hemm hadd biex jezaminha s-Sibt wara nofsinhar;

Illi jinghad li dan it-Tribunal hu tal-fehma li fin-nuqqas ta'ezami mal-ewwel hekk kif vettura tigi ritornata u dan, fil-prezenza tal-konsumatur, ikun difficli biex b'certezza jigi stabbilit ir-responsabilita tal-allegati hsarat in kwistjoni;

Illi mhux hekk biss izda s-socjeta intimata ghamlet sew li infurmat lir-rikorrenti mal-ewwel dwar l-allegati hsarat;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal hu tal-fehma li z-zewg partijiet ghandhom parti mir-responsabilita u li fic-cirkostanzi tal-kaz, is-socjeta intimata ghandha tirritorna nofs l-ammont u cioe €175 lir-rikorrent;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' parzjalment it-talba ta' Carlos Azzopardi filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Meli Car Rentals Limited safejn dawn huma inkompatibbli mas-suespost u Jordna lis-socjeta Meli Car Rentals Limited biex tirrifondi lura lil Carlos Azzopardi s-somma ta' €175 stabbilita *ex aequo et bono*, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru